MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 65/2003

**Oreste u Anna konjugi Gatt**

**vs**

**Alfred Spiteri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` disa` mija u hamsin lira Maltin (Lm950) rapprezentanti valur ta` xoghol hazin li ghamel il-konvenut fuq struzzjonijiet tal-atturi fil-fond 21 Triq Qrejten, Pieta`.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba attrici hija preskritta peress illi x-xoghol sar aktar minn sentejn u nofs ilu.  Illi bla pregudizzju ghall-premess ix-xoghol sar skond l-arti u s-sengha u mhux dovut l-ebda flus lill-atturi.

Ra n-nota tal-konvenut ipprezentata fit-3 ta` Novembru 2005 li biha ccara illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnhu sollevata hija dik indikata fl-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Sema` x-xhieda ta` Oreste Gatt u Alfred Spiteri u tal-Perit Franco Montesin.

Ra d-digriet tal-14 ta` Marzu 2006 li bih it-Tribunal innomina bhala espert tekniku lil Perit Alan Saliba, liema Perit irrediga r-rapport u rrelata u kkonferma bil-gurament tali rapport fil-25 ta` April 2006.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Adrian Vella ghall-attur u Dr Carmelo Grima ghall-konvenut.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur inkarigaw lill-konvenut sabiex jaghmlu xoghol ta` tqeghid ta` madum fil-post indikat fl-Avviz. Dan huwa madum tac-ceramika li kellu jitwahhal mal-art. L-attur ilmenta illi x-xoghol ma kienx sar sew u minn taht il-madum inhass li hemm il-vojt u bdew jizzaqqu il-madum. Meta ra hekk huwa inkariga lill-Perit Franco Montesin li qallu li fit-truf tal-madum ma kienx hemm tajn u anke beda jtaptap il-madum biex jisma` l-vojt. Il-Perit iccertifika li x-xoghol kien hazin b'certifikat li jgib id-data tat-23 ta` Awissu 2002, li jghid hekk:

“From our inspection it was revealed that:

1. a number of tiles do not have adequate bedding as evidence through tapping with a hard object;

2. a number of tiles are loose, others are so close that chipping of the edges is evident;

3. the grouting of the tiles are not up to normally acceptable standards, due in our opinion to the inadequacy of grout composition and the close proximity of tiles.

Given the size of the tiles and location of the defectively laid tiles recommend a total relaying of the area."

Il-Perit Montesin imbaghad fid-29 ta` Novembru 2002 ghamel stima biex ix-xoghol jigi mnehhi u jigi mqieghed mill-gdid u jsiru aggustamenti fil-bibien tal-aluminium fis-somma ta` disa` mija u hamsin lira Maltin (Lm950).

Il-konvenut isostni illi x-xoghol tieghu ghamlu sew u li talab lill-attur biex il-madum li jipprovdilu jkun madum li ma jkunx mibrum. Huwa jghid ukoll illi ghar-rigward tal-materjal li ghamel taht il-madum, kien hemm roqgha xahx fir-rokna li kien halliha l-bennej li ma kienetx tajba ghal taht il-madum u kien hallatha bir-ramel fuq struzzjonijiet tal-istess attur. Huwa mbaghad ipprova jghid illi l-problema li hemm fil-madum huwa ghaliex l-attur dahhal il-vann tieghu fil-post qabel ma x-xoghol kien tlesta minn kollox u ghalhekk iccaqlaq il-madum.

Il-kwistjoni kollha hija jekk ix-xoghol maghmul mill-konvenut sarx skond l-arti u s-sengha u f' dan ir-rigward, it-Tribunal inkariga lill-Perit Alan Saliba. Il-Perit Saliba wasal ghall-konkluzjoni:

"1.03 Waqt dan l-access gew ikkonstatati s-segwenti lanjanzi fil-madum ta` l-art:

1. Vojt fit-tajn ta` taht il-madum li deher meta nqalghu erba` madumiet (ara ritratt 01 anness) u kif ukoll instema' meta l-Perit Tekniku habbat fuq il-madum, partikolarment fit-truf tal-madum.

2. Xi madum jiccaqlaq 'l isfel meta taghfsu fil-kantuniera.

3. Diversi madum maqsum fit-truf u fl-irkejjen tal-madum (ara ritratti 02 u 05 annessi).

4. Tixtira bejn il-madum u l-hajt tal-faccata fuq Triq Qrejten (ara ritratti 04 u 05 annessi).

5. Bieb fuq it-Triq l-ohra li fuq naha jinsab madwar 2cm ‘il fuq mill-wicc tal-madum filwaqt li fuq in-naha l-ohra jhokk mall-madum u ma jinfetahx kompletament (ara ritratt 03 anness).

6. Partijiet mill-fili tal-madum miftuha.

7. Madum mhux vicin wahda ma` l-ohra.

1.04 B’ referenza ghax-xhieda tal-konvenut a` fol 37 sa 40 tal-process il-konvenut semma:

1. Li fir-rokna l-attur kellu roqgha xahx li halliha l-bennej li ma kenitx tajba ghal taht il-madum u l-attur qallu biex ihallatha mar-ramel u huwa sema’ minnu u hallatha.

2. Li l-ghada li qieghed il-madum induna li l-attur kien dahhal il-vann fuq il-madum li kien ghadu mhux imhalleb.

3. Dwar il-vojt taht l-irkejjen tal-madum il-konvenut qal illi l-madum ma tistax tahdmu hekk.

4. Jekk il-post ser jintuza ghall-vetturi ma tistax tpoggi *three-eights* zrar u ramel taht il-madum. Il-madum jitpogga direttament fuq il-konkrit.

5. L-attur qallu li l-post gej hanut tal-hwejjeg.

1.05 B’ referenza ghal din ix-xhieda moghtija mill-konvenut u kif ukoll ghal dak ikkonstatat mill-esponent Perit Tekniku waqt l-access, jirrizulta car li l-lanjanzi principali huma l-vojt fit-tajt ta` taht il-madum, in-nuqqas ta` xoghol bl-invell u t-tqeghid hazin tas-sieq meta beda jitqieghed il-madum. Dawn il-lanjanzi ma jistghu qatt ikunu teknikament attribwibbli ghal xi uzu ta` xahx fir-ramel ta` taht it-tajn (li ghalkemm mhux teknikament gust li jitpogga xahx taht it-tajn billi dan jiggomma, l-esponent qed jikkunsidra li l-konvenut agixxa sewwa meta sema’

mill-attur u hallat ix-xahx mar-ramel). Lanqas ma nattribwixxi dawn il-lanjanzi, partikolarment il-vojt fit-tajn, ghal xi passagg ta` vetturi fuq il-madum jew ghal xi hxuna zejda fil-materjal tas-sodda ta` taht it-tajn.

1.06 Waqt l-access il-konvenut indika konsentura orizzontali fit-targa taht bieb intern (ara ritratt 06) u oggetti fosthom *bricks* imqieghed fuq il-madum (ara ritratt 07). La dan il-moviment strutturali u lanqas it-tqeghid ta` oggetti relattivament tqal fuq il-madum ma jistghu jikkawzaw dawn il-lanjanzi principali msemmija hawn fuq.

1.07 Il-vojt fit-tajn ta` taht il-madum huwa dovut biss ghal nuqqas ta` mili tajjeb bit-tajn taht il-maduma waqt it-tqeghid filwaqt li t-tixtira mall-faccata fuq Triq Qrejten u n-nuqqas ta` tqeghid bl-invell huma dovuti biss ghal difett fit-tqeghid.

1.08 Dwar id-difett principali fit-tqeghid tal-madum, u cioe` il-vojt fit-tajn ta` taht il-maduma, ghandu jigi rilevat ukoll illi dan il-vojt jirrizulta kemm lejn in-nofs tal-maduma billi jidhru kanali fit-tajn li jkunu ffurmati waqt it-tqeghid bil-ponta tal-kazzola u kif ukoll lejn it-truf tal-maduma. Ghalkemm il-vojt fit-tajn lejn in-nofs tal-maduma jista' jikkawza difett fil-wicc tal-madum, l-aktar li jikkawza qsim fil-madum u qlugh tal-*grouting* huwa n-nuqqas ta` tajn taht it-truf tal-maduma. L-ammont ta` tajn li jitqieghed taht il-maduma ghandu jkun bizzejjed u ta` viskozita` adekwata sabiex jimtlew kemm il-kanali ffurmati bil-ponta tal-kazzola u kif ukoll il-partijiet taht it-truf tal-maduma – fejn it-tajn sahansitra anke johrog 'il barra mix-xifer tal-maduma u wara zzejjed jitnehha mill-*layer*. F'dan il-kaz la l-kanali ffurmati bil-ponta tal-kazzola u lanqas il-partijiet taht it-truf tal-maduma ma mtlew sewwa bit-tajn billi jew ma ntefax ammont bizzejjed ta` tajn jew inkella ntuza tajn b'nuqqas ta` vizkozita` adekwata bir-rizultat li t-tajn ta` taht il-madum ma sarx uniformi u unit kif titlob l-arti u s-sengha.

1.09 Id-difett tal-madum jiccaqlaq huwa dovut ghal dan il-vojt fit-tajn filwaqt li d-difett tal-qlugh ta` *grouting* huwa

dovut primarjament ghal dan ic-caqlieq konsegwenzjali fil-madum billi kif il-maduma ticcaqlaq il-*grouting* jaqta' minn mal-maduma u sussegwentament jinqala'. Anke d-difett tal-madum maqsum huwa dovut ghall-vojt fit-tajn billi kif wiehed jirfes fuqu, anke bir-riglejn, il-madum ifaqqa u jinqasam, billi jsib il-vojt tahtu.

**KONKLUZJONI**

**Ix-xoghol ta` tqeghid tal-madum ta` l-art li hemm fil-fond fil-kwistjoni fi Triq Qrejten, Pieta ma sarx skond l-arti u s-sengha billi:**

**1. Primarjament hemm vojt sostanzjali fit-tajn ta` taht il-madum.**
**2. Il-madum ma giex imqieghed invell u ncim.**
**3. Partijiet mill-*grouting* ta` bejn il-madum inqala`.**
**4. Il-madum gie mqieghed imxattar mall-hajt.**"

Illi huwa evidenti ghalhekk illi l-ilment tal-attur huwa gustifikat. Waqt it-trattazzjoni il-konvenut sostna illi huwa ma jaqbilx mar-rapport tal-Perit Tekniku. F'dan ir-rigward jinghad illi ghalkemm a` tenur tal-<u>Artikolu 681 tal-Kap. 12</u>, "Il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` rapporti tal-Periti kontra l-konvinzjoni taghha innifisha".

Illi inoltre:

"il-fehmiet ta` Perit mahtur minn Qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu, m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta` fatt, specjalment f' oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx inkorriet ghall-hatra ta` periti addizjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacjentement li dawn il-fehmiet huma, fil-kumpless tac-cirkostanzi, irragonevoli" vide **Appell Kriminal 23 ta` Gunju 1967 'Geswarda Bugeja et vs Emanuele Muscat' Vol LL.I.389 u 'Paul Grech et vs Lawrence Grech et' Prim Awla 25 ta` Settembru 2003, Citazz numru 380/2001.**

Illi fil-kawza odjerna r-relazzjoni tal-Perit Tekniku tinsab ben motivata u huwa konfermat mill-provi prodotti quddiem dan it-Tribunal. It-Tribunal jaqbel maghhom u ghalhekk jasal ghall-konkluzjoni illi x-xoghol tat-tqeghid tal-madum tal-art fil-fond in kwistjoni ma sarx skond l-arti u s-sengha u ghalhekk fil-mertu t-talba attrici tirrizulta gustifikata.

Fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, il-konvenut ressaq l-eccezzjoni a` tenur tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan l-artikolu jirrigwarda azzjonijiet ta` certu persuni b'referenza ghal-hlas tal-prezz tax-xoghol u materjal minnhom provdut. Huwa evidenti illi fil-kawza odjerna, l-atturi m'humiex qeghdin jitolbu hlas ta` xoghol minnhom maghmul izda qeghdin jitolbu danni rizultanti minhabba xoghol hazin li gie prestat mill-konvenut u ghalhekk l-Artikolu fuq imsemmi ma japplikax ghall-kaz odjern u konsegwentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif imressqa qeda tigi michuda.

Illi ghar-rigward tal-quantum mitlub, dan jirrizulta gustifikat mill-istima tal-Perit Montesin kif konfermata bil-gurament quddiem dan it-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici u jiddikjara lill-konvenut li naqas milli jezegwixxi l-inkarigu lilu moghti ghat-tqeghid tal-madum fil-fond 21 Triq Qrejten, Pieta` skond l-arti u s-sengha u konsegwentement isib lil l-istess konvenut responsabbli ghad-danni rizultanti lill-attur minhabba f'dan in-nuqqas u jordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta` disa` mija u hamsin lira Maltin (Lm950) bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------